# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 1 ta' Marzu, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 1032/2017 TA**

**Emanuel Cassar (I.D. 619857M)**

**vs.**

1. **Tabib Prinċipali tal-Gvern**
2. **Ministru tas-Saħħa**
3. **Dr. Christopher Zammit M.D.**
4. **Louise Pace**
5. **Kuraturi Deputati Av. Victor Bugeja u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo illi b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tad-9 ta' Novembru 2017 ġew maħtura sabix jirrapreżentaw lit-tobba, nurses u membri tal-istaff mediku li kienu xogħol fl-Isptar Mater Dei fid-29 u t-30 ta' Jannar 2016 u li b'xi mod kienu involuti direttament jew indirettament fis-servizz mediku provdut lill-attur.**

**Il-Qorti**:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Attur Emanuel Cassar ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2017 u li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:-

"Illi nhar il-ġimgha 29 ta' Jannar 2016, għal ħabta tas-2.30pm, l-esponenti mar fit-taqsima tal-Emerġenzi ta' l-isptar Mater Dei fuq talba tat-tabib tal-familja,sabiex isirulu xi testijiet tad-demm minħabba li beda jitlgħalu d-deni;

Illi kif wasal fis-sezzjoni tal-emergenza, akkumpanjat minn martu, l-addetti tal-isptar sejjħulu f'Triage 1 u hemmhekk staqsewħ x'kienet ir-raġuni li mar l-emergenza. In-nurse tatu żewġ pinnoli sabiex ma tħallihx jistenna bid-deni u l-esponenti minnufiħ staqsija x'kienu l-pinnoli li tatu u infurmaha ukoll li l-mediċina magħrufha bħala augmentin ma kienetx taqbel miegħu. Hija serrħitlu rasu u qaltlu li kienet tagħtu *paracetamol* jew kif insibuhom aħjar '*panadols*';

Illi l-esponenti baqa jistenna fl-emergenza. Wara siegħat twal,ġie msejjaħ biex imur f'Area 1 u hemmhekk invistaħ ċertu Dr.Andrea. Sarulu t-testijiet neċessarji u it-tabib staqsiħ il-għala kien qed jieħu l-mediċina Retens,peress li ma kienitx tingħata komunament. L-esponenti infurmaħ illi huwa ma setgħax jieħu Augmentin peress illi xi snin qabel kien ha waħda u instabat mal-art u intilef minn sensieh;

Illi l-esponenti ġie mitlub jerġa' jistenna barra u wara ftit infurmawh illi kien ser jinżamm rikoverat għall-osservazzjoni u aktar testijiet;

Illi huwa ġie mpoġġi fuq stretcher għal darb'oħra u nurse partikolari kellmet lil mart l-esponent biex tara kienx hemm xi mediċina li ma taqbilx miegħu. Mart l-esponent informatha bir-reazzjoni li kellu l-esponent għall-augmentin u din dehret tieħu nota;

Illi l-għada t-30 ta' Jannar 2016, għal ħabta tal-10:30am, l-esponenti kien jinsab tajjeb u fil-fatt tkellem ma' bintu Sharon Agius u qalilha li kien qed iħossu tajjeb u li ma kellhomx għalfejn jinqalgħu u jmorru l-isptar. Qalilha wkoll li kien ser ikollu jaqta għax kienet gejjha nurse tagħtih xi mediċina;

Illi għal-ħabta tal-11am tal-istess ġurnata, mart l-esponenti u bintu ż-żgħira daħlu ħdejh u sabu li l-esponenti kienet waqfitlu qalbu u t-tobba u n-nurses tal-ward ssugerewlhom li kien ikun aħjar li jċemplu lil bqija tal-familja;

Illi wara ftit huma ġew avviċinati minn ċertu Dr. Balzan u nurse jisimha Louise pace (li kienet issoministratlu l-augmentin) u ċertu Dr. Christopher Zammit (li kien ordna li jingħata din il-mediċina);

Illi Dr.Balzan informa lill-familjari tal-esponenti illi l-esponenti, b'konsegwenza tat-titqiba li kienu tawħ ftit qabel, kellu 'sudden drop in blood pressure' u waqfitlu qalbu;

Illi Dr.Balzan kompla jinfurmahom illi l-esponenti ingħata c-CPR u damu għoxrin minuta sakemm reġgħet bdiet tħabbat qalbu. Qallhom ukoll illi fil-mument, l-esponenti kien stabbli u li presjoni kienet ġejjha lura għan-normali;

Illi huwa infurmahom ukoll li kienu ser iniżżlu lill-esponenti fit-Taqsima tal-Kura Intensiva (ITU);

Illi jumejn wara, nurse mill-ITU ikkonferma mal-familjari li fil-fatt kien irrizulta mill-file li l-esponenti ingħata doża Augmentin b'injection, u mal-ewwel l-esponenti sofra minn anaphylactic shock u intefaħlu ilsienu;

Illi l-familjari tal-esponenti ġew meħudha f'kamra flimkien ma' Dr.Christopher Zammit u mal-konsulent tal-ITU Mr.Carmelo Abela li skuża ruħu għan-nom tal-Isptar u qalilhom li sfortunatament żbalji bħal dawn jiġru;

Illi l-esponenti għamel żmien konsiderevoli f'koma u qatta' tmintax il-ġurnata fl-ITU;

Illi fit-23 ta' Frar,2016 l-esponenti ġie trasferit f'Medical Ward 3;

Illi wara xi ġimgħat, l-esponenti ġie rilaxxat mill-Isptar;

Illi madanakollu l-esponenti għadu jsofri mill-effetti ta' dan l-inċident tant li l-memorja tiegħu marret lura għall-aħħar u ċertu affarijiet sempliċi li kien jagħmel fil-passat illum m'għadux jista jagħmilhom;

Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident, l-esponenti sofra danni peress li qed isofri minn debilita' permanenti kif ukoll għamel spejjeż relatati ma' dan l-inċident u għaldaqstant qegħdha ssir dina l-kawża;

Illi l-intimati għalkemm ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti, dawn baqgħu inadempjenti;

Illi l-esponenti jaf personalment b'dan il-fatti kollha;

Illi għalhekk kellha issir dina l-kawża.

Għaldaqstant jgħidu l-konvenuti għaliex dina l-onorabbli Qorti ma għandiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta'negliġenza u nuqqas ta' ħila fil-qadi tal-professjoni tagħhom u/ jew waqt il-kura medika u l-interventi mediċi magħmula fuqu fl-Isptar Mater Dei fid-29 u t-30 ta' Jannar, 2017 u fil-ġranet u ġimgħat;
2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jħallsu lill-attur d-danni li jiġu hekk likwidati;
4. Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti in subizzjoni u b'riserva għall-kull azzjoni ulterjuri għad-danni kontra l-istess konvenuti."

Rat ir-risposta ġuramentata tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern, Ministru tas-Saħħa, Dr. Christopher Zammit u Louise Pace ippreżentata fid-19 ta' Diċembru 2017 u maħlufa fl-istess jum min Christopher Zammit li permezz tagħha wieġbu u eċċepew is-segwenti:-

"Illi premilinarjament il-Ministru tas-saħħa ma hux leġittimu kontradittur u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi huwa bl-ebda mod ma kien partieċipi fil-proċess mediku illi dwaru hemm il-lanjanza tar-rikorrent.

Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost in-nomenklatura Tabib Prinċipali tal-Gvern ma għandiex teżisti u dana bl-emendi illi saru permezz ta' l-Att dwar is-saħħa.

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess il-kura illi ingħata ir-rikorrent kienet waħda korretta stante illi fl-ebda stadju ma irriżulta illi huwa kien allergiku għal medicina *Augmentin*. Meta r-rikorrent ġie mistoqsi jekk kienx allergiku għal xi mediċina

huwa informa lil istaff illi darba ha l-*Augmentin* u ħassu imdardar. Irid jingħad illi dardir wara it-tehid ta' l-*Augmentin* ma jammontax għal allerġija għal mediċina.

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess il-kura u serviġi illi ingħata ir-rikorrent mill-intimati konvenuti kienu *secundum artem* u għalhekk ħadd minnhom ma jirrispondi għad-danni pretiżi mir-rikorrent.

Illi subordinament u mingħajr pregudizzju kwalsiasi dannu allegat mill-attur rikorrent ma hux riżultat ta'xi nuqqas jew negliġenza da parti tal-konvenuti intimati stante illi il-kura illi ingħatat minnhom kienet dik indikata. Di piu' meta seħħet ir-rejazzjoni għal mediċina l-infermiera intimata Louise Pace, li kienet għadha ma ġenb r-rikorrent immedjatament tatu l-għajnuna kif ukoll sejjħet lit-tobba li kienu għadhom hemm u ir-rikorrent ingħata l-attenzjoni medika opportuna mingħajr telf ta' ħin.

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess rigward dak illi ntqal wara mit-tobba lil familjari għandu jingħad illi hija prassi ta' l-Isptar illi wara inċident bħal dak in eżami il-qraba jiġu mgħarrfa bl-akkadut u b'empatija tingħata spjegazzjoni premilinari ta' dak illi jkun ġara. Dan kollu jsir mingħajr preġudizzju u mingħajr assunzzjoni ta' ħtija anke billi fi stadju daqshekk bikri il-fatti jkunu għandhom ma ġewx stabbiliti.

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju ħadd mill-intimati ma jirrispondi għad-danni pretiżi stante illi dawn ma ġrawx tort tagħhom.

Salv eċċezzjonijiet oħra."

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr. Victor Bugeja u l-PL Katrina Zammit Cuomo ippreżentata fit-18 ta' Diċembru 2017 li permezz tagħha wieġbu u eċċepew is-segwenti:-

1. "Illi l-eċċipjenti ma humiex edotti mill-fatti konnessi tal-kawża w għalhekk għal kull buon fini qed jirriservaw illi jwieġbu ulterjorment jekk jkun l-każ.
2. Illi r-rikorrent għandu qabel kull ħaga oħra jindika bl-eżatt min huma l-patroċinati tal-eċċipjenti sabiex jsir kuntatt magħhom u jesploraw x'għandhom jwieġbu għall-pretensjonijiet tar-rikorrent.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Diċembru 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza .

**Punti ta' fatti**

Il-fatti ta' dan il-każ huma inkontestati u huma kif ġej:

1. Fid-29 ta' Jannar 2016 l-Attur daħal l-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei wara li ġie riferut hemmhekk bħala PUO (Pyrexia of Unknown Origin) mit-tabib personali tiegħu Dr. Michael Azzopardi.
2. Fit-*Ticket of Referral to the A&E Department* (a' fol 6), Dr. Michael Azzopardi kiteb "? Augmentin" fil-kaxxa intestata "Allergies" (ara fol 7). Huwa għamel punt ta' mistoqsija (*query*) ħdejn il-kelma Augmentin għaliex l-Attur, meta mistoqsi, ma kienx ċert jekk hux allerġiku għall-Augmentin (ara xhieda Dr. Michael Azzopardi a' fol 367).
3. L-Attur ġie msejjaħ fi Triage 1. Minn mela l-formola fi Triage 1 naqas milli jdaħħal informazzjoni rigward allerġiji ta' sostanzi mediċinali (ara dokument inkjesta interna a' fol 437 para 4.1.2). Apparti l-formola tat-Triage, kien hemm żewġ oqsma oħra fejn l-allerġiji setgħu jiġu dokumentati matul il-proċess tad-dħul iżda baqgħu ma ġewx mimlija. Dawn huma l-*Emergency Department red admission form DH 1189* (a' fol 53) u l-ewwel *Nursing Report* (ara dokument inkjesta interna a' fol 437 faċċata 2 para 4.1.10 u fol 439 para 7.5);
4. Wara Triage 1, l-Attur ġie msejjaħ u eżaminat min Dr. Andrea Vella Baldacchino. Dr. Vella Baldacchino ddeċida li l-Attur jinżamm l-isptar għal aktar investigazzjoni. Fl-eżami tiegħu Dr. Vella Baldacchino *inter alia* staqsa lill-Attur jekk huwiex allerġiku għal co-amoxiclav, jiġifieri Augmentin. L-Attur wieġeb li l-mediċina tal-Augmentin iddardru. Fuq din

ir-risposta it-tabib Vella Baldacchino ddeċida jikteb "*nauseated after taking co-amoxiclav but no overt allergic reaction. No other known drug allergies* (ara xhieda Dr. Andrea Vella Baldacchino a' fol 401 et seq). Dr. Vella Baldacchino għamel l-istess notament fuq il-qoxra tal-'*Ward prescription sheet*' (ara document a' fol 90 u inkjesta interna a' fol 437).

5. 'L għada, it-30 ta' Jannar 2016 fis-seba' u kwart ta' filgħodu, l-Attur ġie invistat minn Dr.Doriella Galea. Bħal Dr. Vella Baldaccino, Dr. Galea eżaminat lill-Attur. Fin-notament tagħha hija wkoll kitbet "NKDA" li hija abbrevjazzjoni tal-frażi "*No Known Drug Allergies*" (ara clinical notes a' fol 58).

6. F'dik l-għodwa l-Attur ġie invistat għat-tielet darba mill-intimat Dr. Christopher Zammit. Huwa wkoll staqsa lill-Attur jekk huwiex allerġiku għall-augmentin. Fin-notament tiegħu l-intimat Dr. Zammit kiteb huwa wkoll li l-attur huwa "NKDA". Dan fuq ir-raġuni li "*Pt* [patient] *asked re allergy to Augmentin – claims that he had nausea on taking Augmentin on an empty stomach*." (ara medical notes a' fol 59). L-intimat Dr. Zammit iddeċida li tiġi amministrata l-augmentin fil-vina tal-Attur u jibgħatu id-dar dik il-lejla stess (ara medical notes a' fol 59 faċċata 2 u dokument inkjesta fol 437 faċċata 2 para 4.1.5.).

7. L-intimata Louise Pace li hija nurse, ġiet fuq l-Attur biex tamministralu l-Augmentin skont id-direzzjoni tal-intimat l-ieħor Dr. Zammit. Qabel ma bdiet il-proċedura hija wkoll staqsiet lill-Attur jekk hux allerġiku għall-

Augmentin. L-Attur wieġeb li l-Augmentin tqallgħu. L-intimata xorta ddeċidiet tinjettalu l-Augmentin fil-vina.

8. L-Attur ħassu ħażin mall-ewwel hekk kif l-augmentin ġiet injettata fil-vina. Tant kien ħażin li sofra arrest kardijaku. Dan jiġifieri qalbu waqfet, tilef in-nifs u ma baqax f'sensih. Huwa ingħata malajr s-CPR (*Cardiopulmonary Resucitation*). Ġie stabbilit li dan kien riżultat ta' "*severe anaphylaxis"* (ara medical notes a' fol 62, xhieda Dr. Christopher Zammit a' fol 386 et seq u inkjesta interna a' fol 440 para 8.1).

9. It-tim mediku kellu jixxokja lill-Attur tlett darbiet u dam għoxrin minuta jamministralu s-CPR sakemm iċ-ċirkulazzjoni tiegħu reġgħet bdiet taħdem. Ġie wkoll osservat fuq l-Attur nefħa fl-ilsien u raxx li huma t-tnejn sintomi ta' allerġija (ara xhieda Dr. Christoper Zammit a' fol 385 u inkjesta interna a' fol 437 faċċata 2 para 4.1.8).

10. L-Attur ġie intubat u trasferit l-*Intensive Therapy Unit* (ITU) fejn kien ġie anke amministrat is-sagrament tal-morda min Fr. Gino Ciangura (ara formola *Religious Assistance Administered to Patient* a' fol 63).

11. Fl-ITU admission sheet, taħt l-intestatura 'allergies', ġie imniżżel l-istess li t-tabib Michael Azzopardi kien niżżel oriġinarjament fir-referral ticket tal-attur, ossia "?Pencillin" (ara ITU Admission Sheet MDH a' fol 64);

12. Fit-2 ta' Frar 2016, saret konsulenza psikjatrika fuq l-attur fejn ġie deċiż li għandu jibqa' taħt osservanza kostanti (constant watch). Dan minħabba li ġie nnutat li l-attur qed isofri minn "brain oedema" (ara

Physiotherapy Report Form a' fol 70 faċċata 2) u li qiegħed fi stat ta' "fluctuating confusion and occasional wandering." (ara inkjesta interna a' fol 438 para 4.1.13).

13. L-attur dam l-ITU sas-16 ta' Frar 2016 fejn umbagħad ġie trasferit f'ward M3 dak inhar fit-3.30 ta' filgħaxija (ara ITU discharge handover a' fol 192 u inkjesta interna fol 437 faċċata 2 para 4.1.11).

14. L-attur baqa' taħt *constant watch* sakemm ġie rilaxxat mill-Isptar: "*There is no evidence from the case notes that constant watch was removed up till the discharge date*" (inkjesta interna a' fol 438 para 4.1.13).

15. L-Attur ġie rilaxxat mill-isptar fl-20 ta' Frar 2016 "*to relatives' 24 hour care with a view to out-patient review*" (ara medical file a' fol 93 faċċata 2 u inkjesta interna a' fol 438 para 4.1.14).

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

B'din l-azzjoni l-Attur qed jitlob il-ħlas u likwidazzjoni tad-danni li huwa sofra b'riżultat ta' imperizja da parti tal-intimati jew min minnhom.

Għal dak li għandu x'jaqsam mar-responsabbiltà ta' tabib fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, huwa prinċipju stabbilit skont l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu. Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara Artikolu 1132 Kodici Civili) kif ukoll dak extra-kontrattwali [Artikolu 1032(1)]. Il-liġi taħt il-Kodiċi Ċivili tiddisponi espressament li jitqies fi ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja [Artikolu 1032(1) predett].

Biex jissussisti dan l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diliġenza "*jrid ikun hemm il-prevedibbilita` tal-event dannuz, "'prevedibbilita`' li trid tkun ta' probbabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili." (Kollez Vol XLVIII.i.258). Hu spjegat mill-awturi illi "negligenza, infatti, altro non e` se non assenza di diligenza, imprudenza e` intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenza". Ara Alpa "La Responsabilita` Civile", Trattato di Diritto Civile, Milano 1999 p. 261 u Franzoni "Le Obbligazioni da Fatto Illecito", Ed. Utet, 2004, p. 42.*" (**Maria Elvira Xuereb nomine vs Anthony Taylor et datata 25 ta' Ottubru 2013**)

Il-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja "*jissinjifika illi hi imputabbli wkoll l-imgieba ommissiva f'min jonqos li jadotta mizuri ta' kawtela u ta' prudenza ghal fini li jkun evitat event dannuz lill-hwejjeg haddiehor. Kif jinsab ritenut, "quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avverdersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto." (Azzopardi v. Arcicovich et, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1919.)*" (**Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello et, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Settembru 2009**) (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-sentenza **Vincent Gauci et vs it-Tabib Ewlieni tal-Gvern et** deċiża fit-28 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Appell għarfet li "*Illum huwa aċċettat illi r-relazzjoni bejn il-pazjent min-naħa l-waħda u t-tabib u l-isptar jew istitut sanitarju ieħor*

*min-naħa l-oħra hija waħda kuntrattwali (Ara e.g. Rose Gauci et v. Donald Felice et, App. 8 ta' Ottubru 2009). Din ir-relazzjoni tinħoloq bis-saħħa ta' ftehim bejn it-tabib u l-pazjent fil-każ ta' tabib imqabbad privatament mill-pazjent u minn dak li d-dottrina u l-ġurisprudenza taljana jsejħulu "kuntratt soċjali" (Ara e.g. Cass. Civ. Sez. III, 18 ta' Lulju 2013, n.17573) fil-każ li l-kura tingħata minn tabib impjegat tal-istat fi sptar pubbliku.*

*... il-fatt illi r-relazzjoni hija kuntrattwali jolqot l-oneru tal-prova fis-sens illi, waqt illi huwa fuq l-attur l-oneru tal-prova tar-relazzjoni tabib-pazjent, tal-ħsara u tar-rabta kawżali bejn il-kura jew intervent u l-ħsara, wara li tkun saret dik il-prova mill-attur tkun tmiss lill-konvenut il-prova li l-kura ngħatat jew l-intervent sar b'ħarsien tar-regoli tal-arti u tal-aħjar prattiċi aċċettati mix-xjenza medika u li ma kien hemm ebda nuqqas jew negliġenza fit-twettiq tal-kura jew intervent.*

*...Il-konvenuti jgħidu illi l-obbligazzjoni tat-tabib hija waħda ta' mezzi mhux ta' riżultat, fis-sens illi qatt ma tista' tingħata garanzija li jintlaħaq ir-riżultat mixtieq. Dan huwa minnu iżda jfisser biss illi n-nuqqas li jintlaħaq ir-riżultat mixtieq ma huwiex waħdu ipso facto prova ta' xi ħtija min-naħa tal-konvenut. Min-naħa l-oħra iżda huwa minnu wkoll illi l-obbligazzjoni tat-tabib hija, sa ċertu punt, waħda ta' riżultat, għal-kemm fis-sens negattiv, viz.* ***<u>l-obbligazzjoni illi r-riżultat ma jkunx tibdil għall-agħar fil-kondizzjoni tal-pazjent</u>****, bħal ma l-attur qiegħed jallega li seħħ fil-każ tallum.*

*... Billi l-kwistjoni jekk il-ħsara li ġarrab l-attur hijiex riżultat dirett tal-intervent jew hijiex konsegwenza ta' xi kondizzjoni oħra hija kwistjoni ta' natura teknika-*

*medika, l-opinjoni tal-esperti mediċi maħtura mill-ewwel qorti tikseb importanza kbira ukoll jekk mhux bilfors determinanti*" (emfażi u sottolinear tal-Qorti).

**Konsiderazzjonijiet**

Qabel ma tidħol fil-mertu l-Qorti sejra qabel xejn tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata fir-risposta ġuramentata li l-intimat Ministru tas-Saħħa ma huwiex il-leġittimu kontradittur.

L-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi li "*il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni*".

A tenur tal-artikolu 8(2) tal-Kap. 528 (Att dwar is-Saħħa), il-Kap tad-Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa huwa s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, hawn nomenklat bħala t-Tabib Prinċipali tal-Gvern..Fit-tieni eċċezzjoni a' fol 13 ġiet fil-fatt sollevata l-ħtieġa ta' korrezzjoni peress li n-nomenklatura Tabiba Prinċipali tal-Gvern ma għadiex teżisti u dana bl-emendi illi saru permezz ta' l-Att dwar is-Saħħa. Minkejja din l-eċċezzjoni l-attur baqa' ma talabx korrezzjoni.

L-artikolu 4 tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar is-Saħħa Pubblika) fil-fatt jiddisponi li l-persuna responsabbli għas-saħħa Pubblika huwa s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika (u mhux il-Ministru tas-Saħħa). Minn eżami anke superfiċjali tal-funzjonijiet u poteri tas-suprintendent tas-Saħħa Pubblika bħala Kap ta' dan id-Dipartiment hekk kif jirriżultaw mill-Kapijiet 528 u 465 tal-Liġijiet ta' Malta, joħroġ li huwa għandu r-responsabbilitá li jieħu ħsieb it-tmexxija in ġenerali ta' l-isptar Mater Dei permezz ta' uffiċjali awtorizzati delegati minnu.

Dan ifisser li l-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna huwa għaldaqstant is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u mhux il-Ministru tas-Saħħa.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' din l-eċċezzjoni u tillibera lil Ministru tas-Saħħa mill-osservanza tal-ġudizzju.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis il-mertu fid-dawl tal-prinċipji legali u ġurisprudenzjali hawn fuq esposti.

Mill-fatti senjalati supra joħroġ inkontestat u altru milli evidenti li l-ħsara li ġarrab l-attur kienet konsegwenza diretta tal-augmentin li ġiet injettata fil-vina tal-Attur. Li kieku ma kienx għall-intervent f'waqtu tal-istess intimati jew min minnhom, din il-ħsara setgħet tkun ħafna agħar b'konsegwenzi anki fatali (ara eskussjoni tal-Perit mediku a' fol 538 faċċata 2).

Bħala skużanti għal-din id-deċiżjoni, l-intimati Dr. Christopher Zammit u Louise Pace tefgħu l-ħtija fuq l-Attur għaliex dan ma speċifikax li huwa allerġiku għall-augmentin iżda biss li tqallgħu, sintomu li skonthom huwa *side-effect* komuni u ma jindikax riskju ta' allerġija (ara xhieda Dr. Christopher Zammit a' fol 380 u 387 et seq u l-intervista ta' Louise Pace fl-atti tal-inkjesta interna a' fol 445 faċċata 2). Hekk ukoll għamlu t-tobba Dr. Andrea Vella Baldacchino u Dr. Doriella Galea li eżaminaw lill-attur u qablu li fid-dawl tar-risposta tal-attur, kellhom kull raguni għalfejn jikkonkludu li huwa m'għandhux allerġija għall-augmentin.

Huwa inkomprensibbli għal din il-Qorti kif dawn it-tobba skartaw u injoraw għal kollox il-*query* li qajjem it-tabib tal-Attur Dr. Michael Azzopardi fir-*referral ticket* u minflok iddeċidew jistrieħu għal kollox fuq ir-risposta tal-Attur. Dan meta l-Attur

huwa kompletament priv minn kwalunkwe għarfien mediku, inkluż id-distinzjoni bejn allergija u *nausea* (Ara xhieda Dr. Christopher Zammit a' fol 381 u 389 u Dr. Andrea Vella Baldacchino a' fol 402). Il-konvenuta Louise Pace tipprova tiskolpa lilha nfisa billi tinsisti li l-Attur ma kienx liebes brazuletta ħamra biex jindika li huwa allerġiku għall-augmentin (ara xhieda a' fol 391).

Fid-dawl tal-prinċipji legali supra, ladarba kien hemm query ta' allerġija mit-tabib li rrefera l-Attur l-Isptar b'kundizzjoni li ma kienetx serja tant li kien se jintbgħat id-dar l-għada, id-deċiżjoni li tiġi xorta amministrata l-augmentin xejn ma tista titqies li kienet waħda diliġenti u prudenti. Id-deċiżjoni li din, terġa u tgħid, tingħata fil-vina flok fil-ħalq tkompli taggrava l-ħtija fuq l-intimati Dr. Christopher Zammit u n-nurse Louise Pace għad-dannu kkawżat fuq il-persuna tal-attur. B'din l-imġieba ommissiva huma deċiżament naqsu li jadottaw '*miżuri ta' kawtela u ta' prudenza għal fini li jkun evitat event dannuż lill-ħwejjeġ ħaddieħor*' fis-sens tas-sentenzi fuq ċitati.

Kif aħjar spjegat mill-espert mediku in eskussjoni, "*Dana, it-tabib tal-familja irrefera dal-pazjent l-isptar…Kiteb illi hemm il-probabbilitá jew il-possibilitá li jista' jkun allerġiku.* ***Kwalunkwe persuna li taħdem fil-mediċina dak huwa issib bandiera ħamra**. **Red alert. Jiġifieri taħt l-ebda ċirkostanza, trid tassumi ladarba xi ħadd iqajjem id-dubju trid taċċerta ruħek, trid tgħid isma' until proved otherwise dan huwa allerġiku. Jiġifieri jien qatt f'għomri ma xi ħadd issuġġerixxa il-possibbiltá li tkun allerġiku u tagħti dik l-antibiotic jew dik is-sustanza, hi x'inhi, li għaliha xi ħadd qajjem id-dubju li jista' jkun allerġiku għaliha.*** <u>*Jien aktar noqgħod fuq it-tabib milli noqgħod*</u>

*<u>fuq il-pazjent. Il-pazjent mhux dejjem huma tal-livell li wieħed jixtieqhom</u> ikunu intellettwali. Jiġifieri kemm -il darba ma jafux, iħawdu, jiġifieri jekk it-tabib qal hekk. <u>Ara kieku dan ġie min jeddu u dan qalulu le allur ngħid iva staqsewh qal le,</u> **<u>imma dan jekk ġie b'ticket of admission, referut lill-isptar, fejn it-tabib tal-familja qajjem id-dubju, ma tistax tinjorah.</u>** … il-probelma hija dan ingħata injezzjoni fil-vina, għall-kundizzjoni li ma kenitx ta' l-ebda mod partikolarment life threatening jew serja, tant hu hekk illi min-noti jidher illi dan kien ħa jiġi rilaxxat ftit wiegħat wara mill-emerġenza, qas kienu ħa jdaħħluh l-isptar. Jiġifieri jekk inti għandek dubju li xi ħadd huwa allerġiku għall-mediċina, staqsejtni whether it's a first line treatment. Nassigurak huwa nuqqas assolut ta' prudenza number 1 għandek mediċini oħra li tista' tuża minflok a penicillin based antibiotic. U jekk għandek l-iċken dubju tagħtiha fil-vini fejn jekk ħa jiġrilu xi ħaġa ħa ssir immedjatament? **<u>Jiġifieri nuqqas ta' prudenza assoluta</u>**.*" (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-fatt li l-Attur ma kellhux brazuletta ħamra li tindika li huwa allerġiku għall-augmentin xejn ma jnaqqas mill-obbligu tal-istess intimati li jiġi osservat dan il-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja. Dan speċjalment fid-dawl ta' dak spjegat mill-espert mediku waqt l-eskussjoni tiegħu:

"***Dr. Andrew Grima:** Bħala stat ta' fatt naqblu illi meta jkun hemm drug allergy tintlibes bracelet l-isptar?*

***Xhud:** Hekk suppost. Però fl-esperjenza tiegħi ta' 50 sena, niddubita jekk qattx rat tlieta, erba pazjenti li libsuha din. ... Il-ftit pazjenti li rajt ordnawhom minn barra, l-internet ecc li huma diabetiċi, li huma epileptic, jew huma allerġiċi.*

*Jiġifieri iva risposta iva imma kif qed nghidlek sfortunatament f'dis-sitwazzjoni m'għandniex l-edukazzjoni neċessarja kif qal is-Sur imħallef.*"

Fin-nota tagħhom l-intimati ssottomettew li huma ma jaqblux mal-konklużjonijiet tal-espert tal-Qorti (ara nota para 25 paġna 7). Minkejja dan huma ma prevalewx ruħhom mill-fakolta konċessa lilhom li jitolbu għal-ħatra ta' periti adizzjonali sabiex jikkonstataw il-fehmiet tal-imsemmi perit mediku. Fil-fatt fid-**Deċiżjoni fl-ismijiet Giswarda Buġeja et -vs- Emmanuele Muscat et tat-23 ta' Ġunju 1967 [LI.i.390]** intqal, li għalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant bħal kull prova oħra, 'b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija b'talba għan-nomina ta' periti addizzjonali , jiġi skartat faċilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha taċ-ċirkostanzi, irragonevoli.

Kif insenjaw il-Qrati li għalihom għamlet referenza il-**Qorti Ċivili Prim' Awla fis-sentenza Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla per imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, "*l-Qorti għalkemm mhix marbuta li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u għandha dritt li twarrbu kif setgħet twarrab kull prova oħra, mill-banda l-oħra, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li rapport magħmul minn espert fil-qasam għandu jingħata piż xieraq lill-fehma teknika tinsab fih u l-Qorti m'għandhiex tinjora dik il-prova jekk mhux għaliex ikun hemm provi oħrajn li joħolqu dubju ċar dwar is-siwi tal-fehmiet hemm espressi. Mill-atti joħroġ ċar illi*

*l-mertu ta' din il-kawża huwa wieħed ta' natura medika li ma setax jiġi deċiż mill-Qorti mingħajr il-fehma ta' espert in materja. B'danakollu, kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, "dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kinetx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika" (App. Ċiv.* ***19.11.2001*** *fil-kawża fl-ismijet* ***Joseph Calleja noe vs John Mifsud*** *) u li Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta' tali relazzjoni ma kinetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieg mil-lat tekniku" (App Ċiv.* ***12.2.2016*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Jean Carlo Fino et vs Joseph Vella et*** *u r-referenzi hemm imsemmija)*;"

Huwa minnu l-artikolu 681 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponu li "*Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha*". Imma biex il-Qorti tagħmel dan irid ikun hemm raġunijiet daqstant impellenti li jikkonvinċuha li għandha tiskarta l-opinjoni ta' esperti maħtura minnha stess. Il-possibbilita' li l-Qorti tallontana ruħha mill-konklużjonijiet peritali tkompli tonqos , jekk mhux ukoll tisvanixxi, meta l-materja li tkun qed titratta tkun tant teknika , bħal dik ta' natura medika.

Il-Qorti fliet bir-reqqa ir-rapport mħejji mill-espert mediku u, wara li qablet l-istess mar-riżultanzi probatorji emerġenti mill-atti tal-każ, tasal biex tqis il-konklużjoni hemm raġunta bħala waħda 'ġusta u korretta'.

Il-Qorti ssib għalhekk li fid-deċiżjoni tagħhom li jiskartaw għal kollox it-twissija tat-tabib Michael Azzopardi u minflok qisu lill-Attur bħala wieħed b'NKDA, l-intimati, inkluż Dr. Andrea Vella Baldacchino u Dr. Dorielle Galea. Dan in-nuqqas wassal għal bidla drastikament għall-agħar fil-kondizzjoni tal-attur.

Kwantu għall-kuraturi deputati dawn ġew maħtura b'digriet tad-9 ta' Novembru 2017 biex jirrapreżentaw tobba u nurses u membri tal-istaff mediku li kienu xogħol fl-isptar Mater Dei fid-29 u 30 ta' Jannar 2016 u li b'xi mod kienu involuti direttament jew indirettament fis-servizz mediku provdut lill-Attur. Il-Qorti ma tistax ma tifhem kif qatt jista' jkun li Kuraturi deputati jiġu maħtura biex jirrapreżentaw bl-aktar mod ġeneriku persuni li ma humiex magħrufa f'kawża bħal din. Il-Kuraturi jinħatru biss fil-każijiet speċifici indikati f'artikolu 929 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan ma hux wieħed minn dawn il-każijiet.

Il-Qorti tifhem li b'dana kollu il-kuraturi xorta ġew maħtura. B'daqshekk il-Qorti ma tistax tiddeċiedi fl-għamad u kif ġie ġie fir-rigward ta' persuni li ma humiex indikati. Għalhekk, il-Kuraturi Deputati kellhom raġun meta eċċipew li l-Attur għandu qabel xejn jindika bl-eżatt minn huma l-patroċinati tagħhom sabiex ikunu jistgħu jagħmlu kuntatt magħhom. Imma l-anqas li kieku għaliex jekk dawn huma Malta u mhux imsifrien, il-proċedura hija monka mill-bidu sal-aħħar. Minħabba f'hekk it-talbiet fil-konfront tal-Kuraturi ser ikunu miċħuda.

Il-Qorti ssib għalhekk li l-konvenuti , Tabib Principlai tal-Gvern, Dr. Christopher Zammit u Louise Pace huma, b'applikazzjoni tal-artikolu 1050 (1) tal-Kap. 16, responsabbli għad-danni sofferti mill-Attur.

Għal fini biss tas-sub-artikolu (2) tal-istess Artikolu 1050, il-Qorti tqis li għandha tqassam is-somma li se tiġi likwidata minnha fuq kull wieħed mill-intimati b'dan il-mod: sittin fil-mija (60%) għandha titħallas mill-intimat Tabib Prinċipali tal-Gvern (in kwantu huwa responsabbli għall-atti tal-intimati l-oħra qua uffiċjali awtorizzati kif delegati minnu), fil-mija (30%) għandha titħallas mill-intimat Dr. Christopher Zammit (bħala l-persuna li għandu responsabbilitá fi grad akbar billi kien hu li ddeċida li l-mediċina augmentin tiġi njettata fil-vina tal-attur), għaxra fil-mija (10%) għandha titħallas mill-konvenuta Louise Pace .

L-artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili jipprospetta s-sitwazzjoni meta l-Qorti tista' tqassam fuq kull wieħed mill-partijiet involuti is-somma meħtieġa għall-ħlas tal-ħsara, "f'ishma ndaqs jew mhux indaqs, skond ic-cirkosatanzi." Dan l-apporzjonament iżda jsir bla preġudizzju lill-parti danneġġata, anke meta il-persuni involuti "ma jkunux imxew dolozament" li "jitlob il-ħlas mingħand kull min irid minnhom" billi l-istess artikolu jipprovdi li dawn, cioe l-persuni responsabbli fil-konfront ta' l-attur "għandhom ilkoll jiġu kkundannati in solidum." (Ara **Sentenza tas-7 ta' Jannar, 2003 tal-P.A fl-ismijiet Feedstuffs Compound Co. Limited -vs- Catimpex Limited et**).

Għalhekk il-konvenuti fuq imsemmija ser ikunu kkundannati li jħallsu lill-Attur is-somma likwidata soldilament bejniethom.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni.

## Likwidazzjoni danni

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u

t-telf ta’ qliegħ futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

<u>Telf ta’ qliegħ futur</u>

Għal dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans,* il-**Qorti Ċivili Prim’ Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fil-kawża ġia ċitata Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et** li “*dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta’ qligħ li l-attur seta’ bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se’ jkollu jbati ’l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;*

*Illi l-kliem “inkapaċita għal dejjem” li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li “f’sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta’ natura durevoli, f’sens legali tikkonsisti f’dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv” (P.A. PS* ***30.1.2008*** *fil-kawża fl-isimijiet* ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et*** *(mhix appellata));*

*Illi hemm linja ta’ ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-principju tar-restitutio in integrum safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f’pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn ( P.A.*

*PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Maria Debono vs Andrew Vaswani** (mhix appellata);*

*Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "past pecuniary loss" u "future pecuniary loss". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain" (Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64)*

*Illi din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;*

*Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċizjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-lucrum cessans jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża (App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet **Cachia vs Conti et** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.500**) . Iżda l-kriteru*

*tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (App. Ċiv.* ***7.7.1998*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Gatt vs Carbone noe** *(Kollez, Vol:* ***LXXXII.ii.242****));*

*Illi ħaġa oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment (70 P.A. JSP* ***31.1.1995*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna** *(mhux appellata)). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-multiplier jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż;*

*Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn (Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73). Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal;*"

Applikat dan l-insenjament għal każ in diżamina, din il-Qorti sejra tgħaddi għal-likwidazzjoni tat-telf ta' qliegħ futur tal-Attur.

*Salarju*

Ai fini ta' kalkolu lucrum cessans, il-Qorti tqis li s-salarju għandu jinħadem fuq l-aħħar dħul tal-attur sena qabel l-inċident, jiġifieri s-sena 2015.

Meta seħħ l-inċident, l-Attur kellhu 58 sena (ara r-referral ticket a' fol 6). L-aħħar dħul tiegħu skont it-Taxxa għas-Sena ta' Stima 2015 (a' fol 414) kien dak ta' €12,992 gross. F'dan l-ammont inkluża s-somma ta' €164 bħala taxxa. Għal dak li jirrigwarda kontribuzzjonijiet ta' sigurtá soċjali, l-Attur jaqa' taħt Class 1 billi, hekk kif dikjarat min Joseph Camilleri (a' fol 498) u ibnu Leon Spiteri (a' fol 473), l-Attur huwa impjegat magħhom bħala Restaurant Manager. Ladarba d-dħul tal-attur għas-Sena ta Stima 2015 kien ta' €12,992 gross, huwa jaqa taħt il-kategorja C u għalhekk tapplika għalih ir-rata ta' 10% (ara r-rati għas-sena 2015 kif stabbiliti fis-sit elettroniku Class 1 Social Security Contributions (gov.mt)). Għaldaqstant l-attur ħallas l-ammont ta' €1,299.20 bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurtá soċjali. Għaldaqstant l-ammont nett huwa dak ta' €11,528.80 (€12,992 - €164 - €1,299.20). Applikat l-insenjament tas-Sentenza appena ċitata, l-Qorti sejra tikkunsidra din is-somma bħala l-moltiplikand.

Il-Qorti ma hiex sejra tqis is-sottomissjoni tal-attur li l-qliegħ lucrum cessans ikun ta' €20,000 biex jagħmel tajjeb għall-overtime/part-time li l-attur jgħid li kien jaħdem qabel ma sofra id-debilitá permanenti (ara nota a' fol 554). Dan peress li l-attur ma produċa l-ebda payrolls jew evidenza konkreta oħra f'dan is-sens bħala prova tanġibbli ta' dan. Madanakollu l-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll iż-żieda potenzjali fid-dħul tal-attur. Dan fid-dawl ta' dak ribadit minn dawn il-Qrati (ara **Apap vs Degiorgio, Qorti tal-Appell, 16 ta' Jannar 1984; Sultana vs Malta Drydocks Corporation, Qorti Kummerċjali, 28 ta' Mejju 1979;**

**Emanuel Bartolo u Glenn Bartolo vs Karl Vella Petroni, Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2012**). Għalhekk, abbażi tal-prinċipju ta' ġustizzja ekwitattiva, il-Qorti ser tkun qed tiffissa din iż-żieda potenzjali fl-ammont ta' €2,500.

*Perċentwali ta' diżabbilitá*

Fir-rapport mediku redatt minnu, it-tabib maħtur mill-Qorti ikkonkluda li b'riżultat tal-inċident in kwistjoni l-attur qed ibati minn percentaġġ tad-diżabilitá permanenti ta' 40% (ara rapport a' fol 514).

*Aspettativa tal-ħajja lavorattiva*

Dwar il-multiplier li għandu jiġi applikat, l-Attur issottometta fin-nota tiegħu li dan għandu ġustament jiġi kkalkulat fuq l-etá pensjonabbli tal-attur li hija ta' 63 sena (a' fol 555). Il-Qorti għalhekk ser tikkalkula l-multiplier fuq il-ħajja lavorattiva rimanenti tal-Attur, fuq il-medda ta' ħames snin, jiġifieri ż-żmien li kien għad baqalu jgħaddi biex l-Attur jilħaq l-etá tal-pensjoni.

Skont prattika kostanti, mis-somma kapitali ta' flus bħala kumpens għat-telf ta' qliegħ futur jitnaqqas l-ammont ta' 20% għal raġuni li tali kumpens isir f'daqqa u bil-quddiem ('*lump sum percentage deduction*'). Ġie stabbilit iżda, li sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis, dan il-kumpens għandu jingħata meta jkun għadda żmien qasir mill-inċident u s-sentenza finali, tant li jekk bejn id-data ta' l-event dannuż u d-data tal-pagament effettiv jgħaddu diversi snin, dan it-tnaqqis m'għandux iseħħ (ara **Julie Scicluna vs Sammy Meilaq, Qorti Civili Prim' Awla, 16 ta' Lulju 2001**; ara wkoll **Anthony Turner et vs Francis Agius et**, **28 ta' Novembru 2003** fejn il-Qorti tal-Appell osservat li meta bħal dan il-każ l-azzjoni ddum tkarkar tant li tieħu trapass twil ta' żmien mid-data tal-inċident sa

meta tingħata s-sentenza finali, dan "għandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis għal fini ta' 'lump sum payment'").

Ġie wkoll stabbilit li l-Qorti għandha tibda tqis it-trapass ta' żmien minn meta tiġi ntavolata l-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident (**Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri, Qorti tal-Appell, 27 ta' Frar 2004**). Diversi sentenzi stabbilew li minn dan it-tnaqqis ta' 20% għandu jonqos perċentwali ta' 2% għal kull sena ta' dewmien tal-kawża (ara fost oħrajn **Joseph Abela vs Martin Spagnol, Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta' Marzu 1993, Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe**, **Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2009**).

Meta mis-somma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li għaddiet minn dakinhar li nfetħet il-kawża (13 ta' Novembru 2017) sa dakinhar li tingħata s-sentenza, jiġifieri erba' snin (u tlett xhur) jibqa' li mill-ammont għandu jitnaqqas 12%.

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni ('*lucrum cessans*') fl-ammont ta' **€23,057.60** konsistenti f'salarju ta' €11,528.80 multiplikat b'5 darbiet li jammonta għal €57,644. 40% ta' dan l-ammont huwa €23,057.60. Iżżid magħhom €2,500 rappreżentanti potenzjal ta' dħul li jiġu għal **<u>€25,557.60</u>** (ħamsa u għoxrin elf, ħames mija sebgħa u ħamsin Ewro u sittin ċenteżmu).

**<u>Telf attwali</u>** :L-Attur mhux qed jirreklama danni attwali mġarrba minnu. Dan għar-raġunijiet kontenuti fin-nota (a' fol 553). Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma hiex sejra tikkunsidra danni attwali jew aħjar *damnum emergens* fil-konfront tal-Attur.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-konvenut Ministru tas-Saħħa u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara li l-Konvenuti Tabib Prinċipali tal-Gvern, Dr. Christopher Zammit M.D. u Louise Pace, solidalment responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti bil-mod kif spjegat fis-sentenza b'dan li qed **tiċħadha** fil-konfront tal-Kuraturi Deputati għar-raġunijiet fuq spjegati.;

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf, ħames mija sebgħa u ħamsin Ewro u sittin ċenteżmu (€25,557.60)
**Tilqa' t-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-Konvenuti Tabib Prinċipali tal-Gvern, Dr. Christopher Zammit M.D., Louise Pace, jħallsu solidalment bejniethom is-somma hekk likwidata lill-Attur bil-mod kif ġiet imqassma min din il-Qorti aktar il-fuq f'din is-Sentenza.

**L-Ispejjeż** ta' din il-kawża (salv dawk tal-konvenut Ministru tas-Saħħa li għandhom jitħallsu mill-Attur), jitħallsu mill-Konvenuti Tabib Prinċipali tal-Gvern, Dr. Christopher Zammit M.D., Louise Pace, bl-imgħax legali dekoribbli mill-lum sal-jum tal-pagament effettiv.

**Imħallef Toni Abela.**

**Deputat Reġistratur.**